**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 114/2017**

**CU u OU ("l-ilmentaturi")**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C 22239)**

**("il-provditur tas-servizz")**

**Seduta tat-13 ta' Mejju 2019**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi qed jippretendu li jinghataw is-somma ta' €32,551.55, li tinkludi l-imghaxijiet kif mahduma mill-istess ilmentaturi.[1] U dan b'kumpens ghat-telf li garrbu fuq l-investiment li ghamlu fl-*LM Managed Performance Fund*, ("*LMMPF*") fuq parir tal-provditur tas-servizz.

Huma jsostnu li kienu nies bi ftit esperjenza fil-qasam tal-investimenti u li kienu fdaw lill-*Financial Advisor*, Wallace Falzon, bil-gid taghhom wara li dan wieghedhom li kien ser jiehu hsiebhom u hsieb l-investimenti taghhom daqslikieku kienu tieghu.

Jilmentaw li gara l-kuntrarju ghax spiccaw bi flushom mizmumin.

L-ilmentaturi jzidu li saru jafu b'Wallace Falzon meta fl-1991 kien mar id-dar taghhom. Dak iz-zmien kien impjegat mal-*Middlesea Valletta Life Assurance Company Limited,* u fuq parir tieghu bdew poloz t'assigurazzjoni mal-*Middlesea* fejn l-assigurati kienu l-ilmentaturi u wliedhom.

Izidu li fl-1999, huma avvicinaw lil Wallace Falzon biex jinvestu s-somma ta' Lm10,000 mal-*Middlesea* f'polza t'assigurazzjoni ohra li kienet iggib in-numru ta' FP429681.

[1] *A fol.* 12

Imbaghad, fl-2010, Wallace Falzon ma kienx ghadu mpjegat mal-*Middlesea*, kien kellimhom fuq xi investimenti godda u kien tahom parir biex il-polza t'assigurazzjoni FP429681, li sa dakinhar kellha valur ta' €26,253.71, tigi tterminata minn mal-*Middlesea* u tigi investita fi prodott finanzjarju iehor li ssuggerielhom Wallace Falzon. Jghidu li Wallace Falzon kien ikkonvincihom li kien difficli hafna li dan l-investiment ifalli, allavolja dan l-investiment kien ghal tliet snin u b'rata ta' 8% imghax, peress li ma kienx hemm riskji gholjin.

Jghidu li wara din il-laqgha l-polza inghalqet u rcevew cekk ta' €26,253.71 u ziedu s-somma ta' €746.29, biex b'hekk investew is-somma totali ta' €27,000 fl-investiment li kien issuggerielhom Wallace Falzon, l-*LM Managed Performance Fund.*

L-ilmentaturi jghidu li fl-4 t'April 2013, kienu rcevew ittra minghand *All Invest Co. Ltd.* u meta cemplu lil Wallace Falzon, dan qalilhom li kien qed isir xi ristrutturar fil-kumpanija. Jghidu wkoll li fl-4 ta' Lulju 2013, ircevew ittra ohra minghand *All Invest Co. Ltd.* fejn infurmawhom li l-*MFSA* issospendiet il-licenzja tas-servizzi taghhom u biex jittrasferixxu l-investiment taghhom f'kumpaniji licenzjati ohra.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-ilmentaturi jghidu li bdew jikkuntattjaw diversi kumpaniji li joffru servizzi finanzjarji izda hadd ma accetta li jigi ttrasferit ghandhom l-investiment taghhom. Matul dan iz-zmien kienu jcemplu ta' spiss l-*MFSA* ghal pariri u lil *All Invest Co. Ltd.,* però, din tal-ahhar kienet dejjem tkun difficli li jiehdu risposta minghand Wallace Falzon innifsu.

Jghidu li, eventwalment, ghamlu appuntament ma' *MFSP* fejn dawn accettaw it-trasferiment tal-investiment taghhom. L-ilmentaturi hassew li f'dan l-istadju kellhom jipprocedu bil-ligi u kitbu ittra ufficjali datata 26 ta' Novembru 2016, lil *All Invest Co. Ltd.* u ittra ta' ilment bl-istess data lill-*MFSA.*

Jghidu li minkejja dan kollu, sal-gurnata tal-lum – iktar minn tliet snin wara – ma kien hemm l-ebda zviluppi konkreti ghas-sodisfazzjon taghhom; u fuq rakkomandazzjoni tal-*MFSA*, l-ilmentaturi ghamlu l-ilment quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

L-ilmentaturi qed jitolbu li jigu kkumpensati l-ammont ta' €32,550 ghat-telf li sofrew mill-2011 sa din is-sena.[2]

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa telf ta' kapital fir-rigward tas-segwenti strumenti:

    i. *LM Australia Management Performance Fund* (aktar 'il quddiem bhala '*LMMPF*') u kif indikat fl-Anness 1 tal-ilment odjern – ghall-ammont ta' <u>€32,551.55</u> li sar fl-10 ta' Jannar 2011);

    Ghalhekk jigi eccepit lli l-esponenti ma hiex il-legittimu kuntradittur tal-ilmentaturi u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi l-esponenti hija biss intermedjarju, u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investimenti li setghu ingarrbu;

2. Illi l-esponenti ma tistax tinsab responsabbli ghal dak li huwa effettivament ta' illegalitajiet kommessi allegatament mid-diretturi tas-socjetà emmetrici tal-prodott;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub fl-ilment odjern ma jirriflettix il-kapital investit. Kif jixhdu d-dokumenti annessi mal-ilment odjern, il-kapital investit kien dak ta' €27,000. L-ilmentaturi ghandhom jispjegaw kif waslu ghall-figura ta' €32,551.22 u ghalfejn ghazlu japplikaw rata ta' interess ta' 4%. L-ilmentaturi ma jistghux jassumu, *con il senno del poi,* illi kieku investew flushom f'investimenti ohrajn il-kapital taghhom kienu ser jibqghu shah u/jew li kienu ser jaghmlu dhul jew tkabbir kapitali matul il-perjodu tal-investimenti taghhom kif qed jippretendu fl-ilment taghhom;

4. Illi l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandhom jerfghu ir-responsabbiltajiet taghhom *qua* investituri billi jerfghu huma l-

[2] *A fol.* 10-11

piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-*affidavits* u sema' x-xhieda**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

L-ewwel eccezzjonij hija fis-sens li l-provditur tas-servizz m'huwiex il-legittimu kontradittur u li huwa agixxa biss bhala '*intermedjarju*'.

Dwar jekk il-provditur tas-servizz kienx il-legittimu kontradittur m'hemmx dubju ghaliex jirrizulta kemm mid-dokumenti esebiti kif ukoll mix-xhieda tal-ilmentaturi illi huma kellhom relazzjoni kuntrattwali mal-provditur tas-servizz u, ghalhekk, ezistiet relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Ghalhekk il-provditur tas-servizz huwa l-legittimu kontradittur.

Illi dwar il-parti l-ohra ta' din l-eccezzjoni, li l-provditur kien biss '*intermedjarju*', dan ma jirrizultax ghaliex il-provditur tas-servizz kien qed jaghti servizz bhala principal fis-sens li kien qed jagixxi bhala *Licence Holder* tal-*MFSA* li seta' jaghti pariri ta' investiment u jbiegh prodotti finanzjarji kif fil-fatt ghamel.

Minn imkien ma jirrizulta li l-provditur tas-servizz qal lill-ilmentaturi li hu kien qed jagixxi bhala *'intermedjarju'* ghal xi haddiehor, anzi tahom x'jifhmu li kienu qed jiehdu s-servizzi tieghu biex jinvestu flushom. L-ilment mhuwiex li l-provditur tas-servizz iggestixxa hazin il-prodott, izda li wettaq kaz ta' *misselling* fil-konfront taghhom meta l-prodott li bieghilhom ma kienx '*suitable'* ghalihom. Ghalhekk qed jikkwistinjaw il-kondotta tieghu bhala *service provider* fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u jitolbu li jinzamm responsabbli ghall-agir tieghu.

Ghalhekk kien qed jagixxi ta' principal fil-konfront taghhom u, ghalhekk, ma kienx qed jagixxi ta' intermedjarju u, jekk jinstab li l-agir tieghu ma kienx gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, irid iwiegeb ghal ghemilu.

Ghalhekk din il-parti tal-eccezzjoni qed tigi michuda ukoll.

It-tieni eccezzjoni digà giet ezawrita fl-ewwel eccezzjoni u qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[3]

F'dan il-kaz, l-Arbitru ghandu biss ix-xhieda tal-ilmentaturi li xehdu permezz tal-*affidavit* taghhom.[4]

Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova u ghamel biss nota ta' sottomissjonijiet li qieghda tigi ikkunsidrata. Imma bhala provi l-verzjoni li taw l-ilmentaturi mhix qed tigi kontradetta.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

L-ilmentatrici ghamlet *affidavit*[5] pjuttost dettaljat u anke giet sottomessa ghall-kontroezami.

Fil-qosor, hija qalet li hija u zewgha kellhom edukazzjoni limitata u hija hadmet ta' *machine operator*, wara fil-*grocer* ta' missierha, imbaghad, meta zzewget iddedikat hajjitha ghall-familja. Ir-ragel taghha kien bidwi.

It-tifdil li kienu jaghmlu mix-xoghol ta' zewgha kienu jaghmluh f'bank sakemm avvicinahom Wallace Falzon u hajjarhom jinvestu f'*life policy* ghax qalilhom li kien aktar jaqblilhom.

Kien mar ghandhom bhala rapprezentant tal-*Middlesea* u ghamlilhom polza fuq il-hajja.

Dan ghamluh wara li insistew mieghu li akkost ta' kollox riedu li l-kapital taghhom ikun garantit.

Meta waslet biex taghlaq din il-polza, cemplilhom xi hadd u qalilhom li Wallace Falzon ried ikellimhom u mar id-dar taghhom. Qalilhom biex il-flus ma jinvestuhomx f'*policy* ohra, izda f'xi haga li trendi aktar. Wara li hajjarhom,

[3] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[4] *A fol.* 55 et seq u *a fol.* 106
[5] *A fol.* 55 *et seq*

qalilhom li kien qed jagixxi f'isem *All Invest Co. Ltd.* u mhux aktar f'isem il-*Middlesea.*

Hajjarhom jinvestu fi prodott fl-Awstralja. Huma qalulu li kienu semghu li jekk l-imghax ikun gholi jista' jkun hemm aktar riskju izda hu qalilhom li flushom ser ikunu garantiti ghax min kien hareg l-investiment kien jaf kif jinvesti u flushom kienu fiz-zgur. Huma kienu jafdawh u qaghdu fuq il-garanziji li tahom. Hassrilhom ukoll il-hsieb li kellhom li jixtru xi proprjetà f'Malta bil-flus li kienu ser idahhlu mill-polza, u meta l-ilmentatrici qaltlu li flushom kienu f'idejh qalilhom biex iserrhu rashom.

Mill-polza hadu s-somma ta' €26,253.71, u ziedu flus maghhom biex jigu €27,000, li investielhom fil-prodott tal-Awstralja.

Hadilhom *flyer* tal-*LMMPF* u regghu insistew mieghu li riedu li flushom ikunu garantiti u hu rega' serrhilhom rashom li flushom kienu garantiti. Il-flus gibidhom hu stess bil-firem taghhom. Tahom id-dokumenti mimlijin minnu u qalilhom biss biex jiffirmawlu. Anke l-*File Note* kienet mimlija minnu u lilhom qalilhom biss biex jiffirmaw.

Talabhom jiffirmaw ukoll l-*Experienced Investor Declaration Form*, izda huma la kienu u lanqas jifhmu fis-servizzi finanzjarji u, ghalhekk, ma jafux ghala qalilhom jiffirmaw l-*Experienced Investors Declaration Form.*

Ircevew xi imghax u, ghalhekk, hasbu li kollox kien sejjer tajjeb. Izda, f'Lulju tal-2013, Wallace Falzon kitbilhom li l-licenzja ta' *All Invest Co. Ltd.* kienet ittiehdet mill-*MFSA* u kellhom jaqilbu ma' *service provider* iehor.

Lil Wallace Falzon ma setghu ikellmuh b'xejn u inghataw parir mill-*MFSA* ikellmu avukat u ghamlu ittra ufficjali kontra l-provditur tas-servizz u, finalment, ghamlu l-ilment quddiem l-Arbitru.

**L-Ilmentatur ikkonferma x-Xhieda ta' Martu**[6]

L-Arbitru m'ghandux verzjoni differenti minn dik tal-ilmentaturi u m'ghandu l-ebda dubju dwar il-kredibilità taghhom.

**Il-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

L-ilmentaturi ghamlu l-investiment fl-*LMMPF* fid-19 ta' Jannar 2011.[7]

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *Updates* dwar l-andament tal-investiment. Dawn kienu kollha fid-dominju pubbliku u accessibbli ghal kull provditur ta' servizz li ried jaghmel *due diligence* tajba qabel ibiegh il-prodott.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[8]

Fi Frar 2014,[9] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fis-sena 2001, u kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[10] il-fond huwa deskritt bhala wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu kontinwu, stabbli u jipprovdi investiment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application,* li kien dokument li

[6] *A fol.* 106
[7] *A fol.* 86 *Purchase Contract Note*
[8] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM*, *cioè, LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*
[9] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/
[10] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf (accessat 22 ta' Marzu 2017)

jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[11]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[12] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[13]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità.

Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur, kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

***"Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current***

---

[11] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzjonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru *hosted* fuq *servers* tal-*internet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[12] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[13] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

***Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>."***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale*" jew "*sophisticated*".

Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal "*wholesale*" u "*sophisticated investors*" f'kaz ta' "*Australian resident investors*" biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif gej:

***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentaturi, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

1) F'dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.
2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh "*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*".

   Ikompli hekk il-paragrafu:

   "*The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are</u>*

*improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible."*

3) Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[14]

4) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew ikklassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

Meta wiehed jigi biex janalizza prodott wara li jkun falla jrid joqghod attent li ma jirragunax u janalizza *with the benefit of hindsight*.

Imma l-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund*.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax prijorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment tal-anqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

---

[14] (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta’ eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari; meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta’ investituri Awstraljani, il-kriterji ta’ eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista’ tghid, mizura ta’ protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta’ investitur seta’ jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kinux rikjesti fir-rigward ta’ investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta’ investituri.

**Dan kellu jghabbi b’aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta’ min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b’distinzjonijiet differenti ta’ min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta’ eligibilità gholja ghal investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja, jigi ittrattat kemm jista’ jkun b’mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta’ protezzjoni applikat fir-rigward ta’ investituri Awstraljani.

***Jekk il-Prodott kienx ‘suitable’ ghall-Ilmentaturi***

Dan il-prodott inbiegh lill-ilmentaturi a bazi ta’ parir (*advisory service*).

Skont ir-Regoli mahrugin mill-*MFSA*, skont il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta’ Malta u wkoll skont id-Direttiva *MiFID* mahruga mill-Unjoni Ewropea, il-provditur tas-

servizz li jkun qed jaghti servizz ta' parir ta' investiment kellu jaghmel *assessment of suitability*.

Skont Regola 2.16:[15]

'*The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. it meets the investment objectives of the client in question;*

*b. it is such that the client is able financially to bear any related investment risks consistent with his investment objectives;*

*c. it is such that the client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction or in the management of his portfolio.'*

Mill-profil taghhom jirrizulta li l-livell tal-edukazzjoni tal-ilmentaturi kien wiehed limitat u ma kinux xi nies b'xi esperjenza f'investimenti simili ghal dak odjern. Kienu *retail clients* u, ghalhekk, kellhom jinghataw kull parir u kull protezzjoni u mhux jinghataw dokumenti biex jigu ffirmati minnhom minghajr ebda spjega taghhom .

L-ilmentaturi xehdu kif l-objettiv taghhom kien li jinvestu flushom strettament jekk dawn kienu ser ikollhom il-kapital taghhom garantit. Kif ampjament xehdet l-ilmentatrici, din kienet kwazi ossessjoni taghhom tant li kienu jsemmuha repetutament lill-provditur tas-servizz. Huwa tahom il-garanzija li flushom kienu garantiti meta fil-fatt ma kinux. L-objettiv taghhom ta' investiment li jiggarantixxi l-kapital ma intlahaqx u, ghalhekk, ma jistax jinghad li l-objettivi taghhom tal-investiment gew sodisfatti. Ghalhekk l-ewwel rekwizit tas-*suitability test* ma giex sodisfatt.

[15] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions* (*SLC*)

L-Arbitru m'ghandu l-ebda prova min-naha tal-provditur tas-servizz li l-ilmentaturi kienu jifilhu jirriskjaw il-flus li investew. Meta wiehed iqis li l-mara ma kinetx tahdem bi qligh u li r-ragel kien bidwi ma jistax jinghad li kienu xi sinjuruni u li setghu jissugraw flushom bl-addocc. Ghalhekk ukoll it-tieni rekwizit tas-*suitability assessment* ma ntlahaqx.

It-tielet rekwizit, jigifieri dak li l-ilmentaturi ried ikollhom '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction,'* ma giex sodisfatt lanqas.

Mill-provi jirrizulta li l-ilmentaturi kienu jgemmghu il-flus il-bank u kien fuq l-inizjattiva ta' Wallace Falzon li l-ewwel investew f'*Life Policy.* Kien il-provditur tas-servizz innifsu li qalilhom biex ir-rikavat tal-Polza jigi investit fl-*LMMPF* u dan b'hafna assikurazzjonijiet li flushom kienu garantiti. L-ilmentaturi qatt ma kienu investew f'xi investiment simili u, ghalhekk, il-firma li ttiehditilhom li huma kienu '*experienced investors'* ma kellhiex issir u l-provditur tas-servizz ha din id-dikjarazzjoni sabiex ikopri lilu nnifsu u mhux ghaliex kien fl-interess tal-klijenti.

Skont Regola 2.01[16] mahruga taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta, il-provditur kellu obbligu fundamentali illi:

"*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients."*

Ghalhekk, filwaqt li t-tielet kriterju tas-*suitability assessment* ma ntlahaqx ghaliex l-ilmentaturi ma kellhomx investimenti qabel simili ghal-*LMMPF*, u lanqas xi lista twila ta' investimenti, inkisret ir-Regola 2.01 ghaliex il-provditur m'agixxiex b'mod professjonali u fl-interess tal-ilmentaturi.

Il-provditur tas-servizz gab l-interessi tieghu li jbiegh il-prodott qabel l-interessi tal-klijent u dan jikser ir-regola 2.01 kif imsemmi.

Minn dan kollu jirrizulta li l-prodott *de quo* ma kienx *suitable* ghall-ilmentaturi u sar *misselling* tal-prodott.

---

[16] *Investment Services Rules – Standard Licence Conditions (SLC)*

Il-provditur ma qediex l-obbligi fiducjari tieghu *ai termini* tal-Artikolu 1224 A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta peress li ma agixxiex b'diligenza u bhala *bonus paterfamilias*, kif kellu l-obbligu li jaghmel.

Kiser ukoll l-obbligi kuntrattwali tieghu li jagixxi skont il-ftehim milhuq meta l-ilmentaturi riedu prodott b'kapital garantit u ffirmaw id-dokumenti kollha taht din il-kundizzjoni.

Finalment, l-Arbitru jikkonkludi li l-investiment u s-servizz offrut mill-provditur tas-servizz ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur.[17]

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' €27,000,[18] u rcevew dhul ta' €4,168.45[19] u, ghalhekk, ghamlu telf ta' €22,831.55.**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf, tmien mija u wiehed u tletin ewro u hamsa u hamsin centezmu.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

---

[17] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[18] *A fol. 86 Purchase Contract Note*
[19] *A fol.* 12